**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 566/2023/1**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Warren Galea)**

**vs**

**Ahmad KURAISHI**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-23 ta' Jannar 2024 fil-konfront ta' **Ahmad KURAISHI** ta' 22 sena, iben Mustafa Wagi El Mohammed u Aziza nee` Alhamdo, imwieled nhar it-8 ta' Marzu 1999 ġewwa s-Sirja, u residenti fil-fond 'Spiteri Court', Flat 5, Triq l-Iskola, Żabbar u/jew 208, Golden Plover, Flat 1, Triq Lampuka, Paola, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 182262(A) li ġie mixli talli:

   Nhar it-28 ta' Settembru 2021, għall-ħabta tal-11:30hrs, ġewwa Triq il-Majjiera, San Pawl Il-Baħar:

(i) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Francis Vella f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. J. Cutajar, detentur tan-numru tar-reġistru mediku 3665;

(ii) U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġuna ħsarat fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBJ608 tal-għamla Toyota għad-dannu ta' Francis Vella u/jew persuni oħra, liema ħsarat jammontaw għal €950.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta` ta' Francis Vella ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 221(1) u 328 tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat (illum, l-appellant) **Ahmad KURAISHI** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal sittin (60) ġurnata priġunerija.

   Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-ħati jħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) lil Francis Vella.

   In oltre ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, rabtet lill-ħati b'Ordni ta' Trażżin sabiex jiġi kawtelat Francis Vella u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali mis-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Ahmad KURAISHI** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tbiddel is-sentenza Il-Pulizija vs Ahmed Kuraishi moghtija*

*mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Jannar 2024 billi tbiddel il-piena ta' sittin (60) gurnata prigunerija effettiva ghal wahda ta' kontravenzjoni jew piena aktar xierqa li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti*".

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha, l-Avukat Ġenerali talbet lil din il-Qorti tiddikjara r-rikors tal-appellant bħala wieħed null, oltre illi wieġbet illi kemm il-darba din il-Qorti ma tilqax din l-eċċezzjoni preliminari, l-aggravju tal-appellant għandu jiġi miċħud.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-appell fl-udjenza miżmuma quddiemha nhar is-17 ta' Ġunju 2024.

## F. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar it-28 ta' Settembru 2021, għall-ħabta tal-11:35hrs, il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Qawra ġew infurmati illi ġewwa Triq il-Majjiera, San Pawl il-Baħar, kien hemm persuna li ġiet imweġġa' minn raġel ta' nazzjonalita` barranija. Jirriżulta wkoll illi PC 1409 u PC 369 marru immedjatament fuq il-post, fejn sabu lill-vittma, ċertu Francis Vella, ġewwa vettura tal-għamla Toyota Corolla, bin-numru ta' reġistrazzjoni FBJ 608, indawwar minn xi nies li marru jagħtuh l-għajnuna. Vella stqarr mal-Pulizija illi "*Jien kont ha nipparkja u waqaf trakk ta' lewn abjad warajja. Jien tlabtu biex jimxi ftit lura halli nipparkja jien u soqt il-vettura tieghi il quddiem biex ikun jista' johrog. Huwa saq it-trakk il quddiem u waqaf ma' genbi, hareg mit-trakk u kif kont qieghed niftah il-bieba huwa gie jigri ghalija fejn tani daqqa ta' sieq go sidri u tefani gol-karozza fuq is-seat.*" Jgħid in oltre illi l-aggressur telaq jiġri lura fit-trakk, saq 'il quddiem u qabad il-bieba tal-vettura tiegħu mal-kaxxa tat-trakk. Vella ngħata l-ewwel għajnuna minn *nurse* fuq il-post u

eventwalment ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei sabiex jiġi eżaminat.[1] Jirriżulta mill-atti illi l-istess Francis Vella xehed f'dawn il-proċeduri, fejn ipprovda bejn wieħed u ieħor l-istess verżjoni dwar dan l-akkadut, salv illi xehed illi l-appellant tah daqqa ta' sieq ġo wiċċu.[2]

7. Jirriżulta in oltre illi l-Pulizija kellmu wkoll lil xi persuni li kienu fuq il-post u li kienu raw l-inċident iseħħ, oltre illi ġew elevati xi filmati minn *cameras* tas-sigurta` li kien hemm fuq il-post, b'filmat partikolari juri proprju d-dinamika ta' dan l-inċident, liema filmat ġie esebit fl-atti.[3]

8. Eventwalment, il-Pulizija waslu għall-appellant, li ġie mitkellem ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra nhar is-7 ta' Ottubru 2021, u provda l-verżjoni tiegħu dwar l-inċident, wara li huwa ngħata d-drittijiet tiegħu skont il-liġi, liema drittijiet huwa għażel li ma jeżerċitahomx u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens.[4]

9. Illi nhar l-14 ta' Frar 2023 bdew il-proċeduri fil-konfront tal-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, bis-sentenza kontra l-istess appellant tingħata, kif ingħad, nhar it-23 ta' Jannar 2024.

10. Illi din il-Qorti se tibda sabiex tindirizza l-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-Avukat Ġenerali u li permezz tagħha qed teċċepixxi n-nullita` tar-rikors tal-appell tal-appellant, stante illi skont l-istess Avukat Ġenerali, it-talba m'hijiex skont il-liġi. L-Avukat Ġenerali ssostni illi meta tintalab ir-riforma tas-sentenza, jeħtieġ illi jiġi ndikat liema parti tas-sentenza għandha tibqa' fis-seħħ u liema parti għandha tinbidel, iżda fit-talba odjerna, l-appellant naqas milli jindika liema parti tas-sentenza għandha tibqa' fis-seħħ. Meta t-talba ma ssirx skont il-liġi, tgħid l-Avukat Ġenerali, ir-rikors tal-appell għandu jiġi dikjarat null.

11. Hawnhekk issir referenza għall-Artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jaqra hekk:

[1] Ara l-affidavit ta' PC 1409 K. Buhagiar, a fol. 4 *et seq* tal-proċess u l-affidavit ta' PC 369 Christian Vella, a fol. 6 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 8 *et seq* tal-proċess.
[3] Ara l-affidavits fuq imsemmija, u l-filmat esebit a fol. 25 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 23 tal-proċess.

> 419. (1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, -
>
> (a) il-fatti fil-qosor;
> (b) ir-raġunijiet tal-appell;
> (c) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri

12. Din il-Qorti tqis illi minn imkien mill-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali ma tirriżulta l-piena tan-nullita` tar-rikors tal-appell, fejn dan ikun nieqes f'xi wieħed mill-elementi indikati fis-sub-artikolu fuq ċitat u dan hekk kif permezz tal-Att I tas-sena 2018, l-Artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali kien ġie emendat billi l-kliem "*taħt piena ta' nullita`*" ġie mħassar. Fejn il-liġi trid li jkun hemm il-piena tan-nullita`, dan tipprovdi espressament għalih u dan kif jidher ċar minn dak li jiddisponu s-sub-artikoli (2) u (3) tal-istess Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali. Fir-rigward, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Galea** tal-4 ta' Diċembru 2018, fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, għaddiet sabiex tispjega illi l-iskop tal-Artikolu 419(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa li l-Qorti tal-Appell tingħata ndikazzjoni ċara dwar dak li jkun qed jilmenta dwaru l-appellant u tat-talba tiegħu f'dan l-istadju tal-proċeduri. Fi kliem dik il-Qorti:

> Ir-raison d'etre tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement irid li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob. Pero` minkejja li l-legislatur jirrikjedi dan mhux qed jinsisiti li jekk uhud minn dawn ir-rekwiziti huma nieqsa l-atti jigi kunsidrat null. Ghalhekk il-legislatur ried li jkun hanin ma min jippresenta att li mhux in regola mal-ligi.

13. Għaldaqstant m'għandhiex raġun l-Avukat Ġenerali illi tippretendi li r-rikors tal-appell odjern jiġi ddikjarat irritu u null. Din il-Qorti żżid ukoll illi għalkemm it-talba kif redatta mill-appellant hija kemmxejn ekonomika fil-kliem adoperat, hija tali illi din il-Qorti xorta waħda tifhem illi t-tibdil qiegħed jintalab mill-appellant biss in kwantu dik il-parti tas-sentenza tal-

Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tikkonċerna l-piena erogata u mhux ukoll għal dik il-parti fejn il-Qorti għaddiet sabiex tiddikjara lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali qed tiġi respinta.

14. Illi fil-fatt l-appellant iressaq aggravju wieħed rigwardanti l-piena nflitta u dan billi jilmenta illi l-piena ta' sittin ġurnata priġunerija kienet waħda eċċessiva u sproporzjonata fid-dawl tal-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati. Minkejja illi l-Qorti tal-Maġistrati għamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Grima** tad-19 ta' Jannar 2021, meta ġiet biex teroga piena ta' priġunerija effettiva, billi kkunsidrat illi l-każ odjern, bħal dak il-każ, kien wieħed ta' *road rage*, l-appellant isostni illi dan il-każ żġur ma jistax jitqabbel mal-każ hekk ċitat. In oltre l-appellant jisħaq illi skond iċ-ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib Dr. Jake Cutajar, Vella sofra "*slight bruising and erythema over the nasal bridge*" u għalhekk fil-fehma tiegħu l-effett ta' din l-offiża kien wieħed ta' importanza żgħira fit-termini tal-Artikolu 221(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu tal-liġi jikkontempla l-pieni tal-kontravvenzjonijiet, b'dan għalhekk illi ma kellhiex tingħata piena karċerarja effettiva . Finalment, l-appellant jisħaq ukoll illi huwa qatt qabel dan l-inċident ma xellef difrejh mal-ġustizzja, li għandu wkoll wild minuri u illi familtu tiddependi fuqu għall-għajxien tagħha.

15. Illi jingħad li huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

16. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of**

**Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '*...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[5]

17. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[6]

[5] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45
[6] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

18. Hawnhekk issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset hekk:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

19. Illi magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tibda billi tirrileva li ma tistax taqbel mal-appellant illi l-każ in diżamina ma kienx wieħed ta' *road rage*, kif ġie meqjus mill-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe każ, kien x'kien, din il-Qorti wara li ħadet konjizzjoni tal-fatti tas-sentenza ċitata mill-ewwel Qorti, u rat ukoll il-filmat tal-inċident odjern, tqis illi filwaqt illi kull każ għandu l-fattispeċi partikolari tiegħu u illi qajla jista' każ ikun eżattament identiku għal ieħor, dan kien każ ta' vjolenza eżerċitata mill-appellant fuq raġel anzjan li ma tistħoqqx għajr l-istmerrija u l-kundanna ta' din il-Qorti. Fir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti illi minkejja illi l-appellant seta' ħassu offiż b'xi kliem li qallu Francis Vella[7], li jidher ixejjer idejh mit-tieqa tal-vettura tiegħu qabel ġie aggredit mill-appellant, ir-reazzjoni tal-appellant kienet ċertament sproporzjonata u ferm oltre minn dak li jista' jitqies ġustifikat fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Fi kliem Francis Vella[8]:

> Xhud: … kont se nipparkja u ma riedx isuqli. Soqt ftit il' fuq, ġie miegħi, ġie miegħi, għidtlu mela m'għandekx reverse? Niżel, kont se nipprova ninżel jien, tagħni daqqa ta' sieq ġo wiċċi, ġejt

[7] Jirriżulta illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva, l-appellant sostna illi Vella beda joffendih bil-mejtin tiegħu, għalkemm Vella isostni illi huwa qallu biss il-kliem "*mela m'għandekx reverse*?".
[8] Ara a fol. 9 tal-atti proċesswali

blackout iġifieri ġejt concussion u fil-fatt, ġiet l-ambulanza għalija u ħaditni l-Isptar.

20. Illi din il-verżjoni tal-vittma ġiet ikkonfermata mill-filmat li ġabru l-Pulizija minn fuq il-post, mil-liema filmat jidher l-appellant nieżel mit-trakk tiegħu, u b'ġirja waħda jiġri lejn il-vittma, li kien ħiereġ mil-vettura misjuqa minnu, bl-appellant jgħolli saqajh u jagħti daqqa ta' sieq lill-vittma, li jispiċċa lura fil-vettura. L-appellant imbagħad jitlaq jiġri lura lejn it-trakk tiegħu, isuq u fil-proċess jieħu mat-trakk, il-bieba miftuħa tal-vettura tal-vittma, li per konsegwenza ġarrbet ħsarat.

21. Din il-Qorti tqis ukoll illi għad illi t-tabib Dr. Jake Cutajar iċċertifika l-feriti mġarrba minn Vella bħala ħfief, konsistenti fi "*slight bruising and erythema over the nasal bridge*" jirriżulta wkoll ippruvat illi *a tempo vergine* Francis Vella ittieħed ġewwa l-isptar Mater Dei b'ambulanza għal eżamijiet ulterjuri u ngħata l-ewwel għajnuna fuq il-post minn infermier, Kevin Attard.[9] Din il-Qorti tqis ukoll illi mix-xhieda ta' Vella jirriżulta illi mad-daqqa li xejjirlu l-appellant, għal xi ħin, huwa ntilef minn sensih. Għalhekk, din il-Qorti ma tistax tqis illi l-effett tal-offiża "*ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment*", kien ta' importanza żgħira, fit-termini tal-Artikolu 221(3) tal-Kodiċi Kriminali, daqslikieku Vella sofra biss xi girfa superfiċjali f'xi parti ta' ġismu.

22. Illi din il-Qorti tqis ukoll illi l-appellant nstab ħati tar-reati ikkontemplati fl-Artikoli 221(1) u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi l-piena fil-każ tal-ewwel reat hija dik ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa, u fil-każ tat-tieni reat, il-piena hija dik ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa, jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet. Dawn il-pieni, mbagħad, huma suġġetti għal dak li jipprovdi l-Artikolu 17(b) tal-imsemmi Kodiċi, biex għalhekk jirriżulta b'mod ċar illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet mhux biss fil-parametri tal-liġi, iżda wkoll waħda lejn il-minimu. In oltre fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet *supra*, lanqas jista' jingħad illi l-piena kienet waħda sproporzjonata jew manifestament eċċessiva. L-ewwel Qorti kellha kull raġun illi tqis li l-aġir tal-appellant jimmerita piena ta' priġunerija effettiva; piena din illi tieħu kont taċ-

[9] Ara a fol. 5 u 6 tal-atti proċesswali.

ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, u toħloq bilanċ bejn l-aġir u ċ-ċirkostanzi tal-appellant, iċ-ċirkostanzi tal-vittma u l-interessi tas-soċjeta` in ġenerali in kwantu din għandha kull dritt illi tiġi mħarsa minn atti vjolenti fit-toroq tagħha.

23. Għaldaqstant, magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' **Ahmad Kuraishi** u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Trażżin jibda għaddej mil-lum stess.

Il-Qorti wissiet lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba, mingħajr skuża raġonevoli, huwa jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu bl-Ordni ta' Trażżin, fit-termini tal-Artikolu 382A(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**